MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 1/2007

**Youssef Abou Brek**

***Versus***

**Onorevoli Prim'Ministru bħala l-Kap tal-Gvern ta' Malta; Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern; Kummissarju tal-Pulizija; Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni**

F'din il-kawża ir-rikorrent qiegħed jitlob rimedju biex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu taħt l-artt. 32, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-artt. 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].
Ir-rikorrent fisser illi fid-19 t'Awissu 2000 huwa żżewweġ lil Carmen Abou Brek *née* Baldacchino u għandhom tifel, Karim, li twieled fis-16 ta' Marzu 2000 u, meta nfetħet il-kawża, kellu sitt (6) snin. Ir-rikorrent, martu u binhom

għexu flimkien bħala familja għal snin sħaħ qabel ma nqalgħu problemi familjari li wasslu biex ir-rikorrent u martu nfirdu *de facto* u l-mara fetħet proċeduri għal firda ġudizzjarja. Minkejja dan, ir-rikorrent baqa' jieħu interess sħiħ f'ibnu, u għamel li seta' biex ikollu aċċess li fil-fatt ingħatalu b'ordni tal-qorti kompetenti, b'dan li, kif jidhirlu li hu xieraq, għandu jħallas ħmistax-il lira (Lm15) – daqs erbgħa u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) – fil-ġimgħa għall-manteniment tat-tifel.

Lir-rikorrent seħħlu li jagħmel dan il-ħlas għal xi żmien iżda issa ma jistax, għalkemm jixtieq, ikompli jħallas għax itteħidlu l-jedd għal moviment liberu (*freedom of movement*) u, effettivament, ma huwiex qiegħed jitħalla jaħdem Malta. Dan ifisser illi qiegħed jiġi mġiegħel jitlaq minn Malta fejn qiegħed ibnu għax mingħajr il-jedd li jaħdem ma jistax igawdi l-jedd li jgħix ġewwa l-pajjiż.

B'dan il-mod, igħid ir-rikorrent, qiegħed jinkiser il-jedd tiegħu għall-ħajja tal-familja, imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, kif ukoll il-jedd ta' ibnu għall-ħajja tal-familja, għax dan sejjer jiġi mċaħħad mill-imħabba ta' missieru. Barra mill-art. 8 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent igħid illi qiegħed jistrieħ ukoll fuq l-artt. 13 u 14 tal-Konvenzjoni, li joħolqu obbligi pożittivi tal-istat, il-jedd għal rimedju effettiv u ħarsien kontra diskriminazzjoni, kif ukoll l-artt. 32, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrent għalhekk talab illi din il-qorti tagħtih rimedji xierqa għall-ħarsien ta' dawk il-jeddijiet, billi, fost ħwejjeġ oħra:

1. tgħid illi d-deċiżjoni tal-intimati, jew ta' wħud fosthom, illi jwaqqfu jew itemmu l-jedd tar-rikorrent għal moviment liberu tikser il-jeddijiet tiegħu msemmija fuq;
2. tordna lill-intimati, jew lil min imiss minnhom, jerġgħu jagħtu moviment liberu lir-rikorrent sabiex ikun jista' jaħdem u hekk effettivament igawdi l-jedd tiegħu għall-ħajja tal-familja u jkun jista' jwettaq l-obbligi u d-dmirijiet tiegħu bħala missier; u
3. tordna lill-intimati, jew lil min imiss minnhom, jagħtu l-ordnijiet meħtieġa u jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex il-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent imħarsa taħt id-dispożizzjonijiet ta' liġi fuq imsemmija jitwettqu.

Talab ukoll l-ispejjeż.

L-intimati ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

1. illi l-Onor. Prim'Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu taħt l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju – b'nota tat-13 ta' Frar 2007 ir-rikorrent ċeda l-kawża safejn magħmula kontra l-Onor. Prim'Ministru u għalhekk ma għadux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni; u
2. illi din il-qorti ma għandhiex tqis aktar ir-rikors għax ir-rikorrent jista' jagħmel talba biex jingħatalu permess tax-xogħol u għalhekk għandu rimedju tajjeb taħt il-liġi ordinarja biex ikun jista' jibqa' u jaħdem f'dawn il-Gżejjer.

Din is-sentenza tallum hija dwar din it-tieni eċċezzjoni.

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2007[1] il-qorti kienet, bi ftehim mal-partijiet, iddifferiet il-kawża *sine die* sabiex ir-rikorrent jibda proċeduri kif trid il-liġi sabiex jikseb permess tax-xogħol. B'rikors tat-3 ta' Mejju 2007 ir-rikorrent għarraf lill-qorti illi ma seħħlux jikseb dak il-permess u għalhekk talab illi jitkompla s-smigħ tal-kawża. Il-qorti għalhekk ordnat illi l-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista u tkompla s-smigħ.

L-ilment tar-rikorrent effettivament huwa li tneħħielu l-jedd għal moviment liberu. B'konsegwenza ta' dan effettivament tilef is-setgħa li jaħdem biex hekk ikun jista' jgawdi l-ħajja tal-familja.

Għandu jingħad, qabel xejn, illi, skond ir-*records* tal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u l-Impjieg, ir-rikorrent għandu moviment liberu[2] u għalhekk jista' jaħdem mingħajr ħtieġa ta' permessi, għalkemm ir-rikorrent qiegħed igħid illi dan il-jedd tneħħielu meta nfired minn martu u dan il-fatt ma ġiex kontestat mill-intimati.

Mix-xiehda ħareġ illi meta persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ta' xi pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea, u ma jkollhiex moviment liberu, tkun trid taħdem Malta din tkun teħtieġ permess mill-Korporazzjoni tat-Taħriġ u l-Impjieg. Biex jinkiseb dan il-premess trid issir talba, jew mill-persuna stess, jekk din tkun trid taħdem għal rasha, jew minn min ikun sejjer jimpjegaha. Il-Korporazzjoni tagħti l-permess jekk issib illi dak ix-xogħol ma hemmx nies maltin li jagħmluh.

---

[1] *Fol*. 10.
[2] Ara x-xiehda ta' Jennifer Debono fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009.

Fil-każ tar-rikorrent ġara illi għalkemm, ukoll bil-għajnuna tal-Korporazzjoni, sab lil min kien qiegħed ifittex ħaddiema, xorta ma seħħlux li jikseb impjieg. Dwar xogħol għal rasu, ir-rappreżentant tal-Korporazzjoni xehdet hekk:

Bħala *self-employment* it-*third country nationals* ma tantx intuhom, però nagħtuhom *on special reasons* per każu jekk persuna ilu Malta għal żmien twil u għandu l-familja u għandu t-tfal … … …[3]

Ir-rikorrent qiegħed f'din il-kategorija speċjali. Minn dan kollu jidher illi l-problema tar-rikorrent, aktar milli xi ostakolu legali, huwa nuqqas ta' opportunità ta' xogħol, problema illi hemm ukoll maltin li għandhom bħalu. La din il-qorti u lanqas qorti oħra ma tista' ssiblu xogħol, iżda jekk ifittex u jsib xogħol jidher ċar illi hemm proċeduri taħt il-liġi ordinarja biex ikun jista' jaħdem u jibqa' Malta. Dawn ir-rimedji ma qdewhx mhux għax fittixhom u ma ngħatawlux iżda għax ma fittixx li jinqeda bihom għax ma sabx xogħol. Dawn ir-rimedji ordinarji iżda jibqgħu hemm u huma disponibbli jekk u meta r-rikorrent isib opportunità ta' xogħol.

Billi għalhekk ir-rikorrent ma jeħtieġx rimedji għajr dawk li tagħtih il-liġi ordinarja, il-qorti tagħżel li ma tinqediex bis-setgħa tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni, u ma tqisx aktar ir-rikors.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandu jħallashom ir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] *Ibid.*